# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA**
**LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 28 ta' Ottubru 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 16/2018 BS**

**Mark Formosa**

**-vs-**

**L-Onor. Prim Ministru**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-Rikors Guramentat tal-attur Mark Formosa[1] illi ppremetta:**

1. Illi permezz ta' ittra datata 27 ta' Lulju 2017 mibgħuta mis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, s-Sur John Borg, ir-rikorrenti ġie infurmat li huwa ġie sospiż mill-eżerċizzju tas-setgħat u tal-funzjonijiet tal-kariga tiegħu b'effett immedjat ai termini tar-Regolament 13 (4) tar-Regolamenti tad-Dixxiplina u dana peress li skond l-istess Segretarju Permanenti huwa kien jinsab infurmat li r-rikorrenti kien qiegħed jiġi investigat

[1] A fol 1 sa 3.

mill-Pulizija. Ir-rikorrenti gie ukoll infurmat li matul il-perjodu tas-sospensjoni tiegħu huwa għandu jirċievi nofs is-salarju tiegħu;

2. Illi din is-sospensjoni ġiet ikkonfermata mil-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u sussegwentament fuq rakkomandazzjoni tat-3 ta' Awissu 2017 tal-istess Kummissjoni ġiet iffirmat mill-uffiċju tal-Prim Ministru fl-14 u/jew fil-21 ta' Awissu 2017;

3. Illi r-rikorrenti jqies il-prestensjonijiet vantati fl-ittra tas-Segretarju Permanenti sureferità bħala infondati fil-fatt u fid-dritt. L-azzjoni sussegwenti meħudha fil konfront tiegħu mil-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u mil-konvenut hija illegali u qed toħloq pregudizzju irrimedjabbli kontrih fejn qed titfa' piż sproporzjonat fuqu. Ir-rikorrenti għandu familja xi jmantni kif ukoll impenji finanzjari oħra li jrid jsostni. Di più d-deċiżjoni meħudha fil-konfront tar-rikorrenti qed tkisser ir-reputazzjoni tiegħu;

4. Illi d-deċiżjoni tal-konvenut, tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew min minnhom tmur kontra l-prinċipju bazilari tal-preżunzjoni ta' innocenza. Ir-rikorrenti jirribbatti bis-sħiħ kwalunkwe allegazzjonijiet li setgħu saru fil-konfront tiegħu u jqishom bħala fiergħa;

5. Illi d-deċiżjonijiet tal-konvenut, tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew min minnhom sureferiti hija ultra vires għaliex l-istess persuni u awtoritajiet jew min minnhom ma kinux awtorizzati iwettqu dik id-deċiżjoni, naqqsu li josservaw l-prinċipji ta' ġustizzja naturali jew ħtiġijiet procedurali mandatorji sew fit-twettiq tad-deċiżjoni tagħhom kif ukoll fid-deliberazzjoni ta' qabel dwar dak l-għemil, jikkostitixxi abbuż tas setgħa ta' l-awtorità tagħhom billi dan sar għal għanijiet mhux xierqa jew imsejjes fuq konsiderazzjonijiet irrelevanti, u dik id-deċiżjoni hija fi kwalunkwe każ kontra l-liġi;

6. Illi l-konvenut, is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew min minnhom naqqsu ukoll mid dmirijiet tagħhom li jemenaw mid-Direttiva 4.1 - *Standards for Service of Excellence offered by the Public Administration to the Public and to Employees* liema nuqqasijiet qegħdin ukoll joħolqu pregudizzju irrimedjabbli fil-konfront tar-rikorrenti;

7. Illi jirriżulta illi n-nuqqasijiet sureferiti ikkulminaw fid-deċiżjoni aħħarija tal-Prim Ministru konvenut iżda li l-esponenti sar jaf b'dan il-fatt biss wara xhieda li ingħatat ricentament fi proċeduri ta' natura kostituzzjonali;

8. Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment u għalhekk kellha issir din il-kawża.

**Talab għalhekk lil din il-Qorti:**

1. Tiddikjara li s-sopensjoni tar-rikorrenti mil-konvenut saret bi ksur tal-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Procedura Ċivili fuq imsemmi għar-ragunijiet fuq imsemmija u ragunijiet oħra li jiġu elaborati u spjegati waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawża;

2. Konsegwentament tannulla u tħassar is-sospensjoni fuq imsemmija;

3. Konsegwentament l-attur jiġi rintegrati fl-istat li kien fih qabel ma ittieħdet din id-deċiżjoni u cioe fi grad, kundizzjonijiet, paga u xogħol li kien jeżerċita qabel.

Bl-ispejjes u bl-ingunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni.

**Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-Onorevoli Prim Ministru Joseph Muscat fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim' Ministru[2] illi eċċepixxa:**

Illi l-eċċezzjonijiet tal-esponent hawn taħt elenkati qegħdin jingħataw mingħajr preġudizzju għal xulxin:

[2] A fol 10 sa 14.

**<u>Eċċezzjonijiet preliminari</u>**

1. Illi in linea preliminari l-esponent jirrileva illi l-mertu huwa PALEZAMENT EZAWRIT *stante* illi s-sospensjoni msemmija fir-rikors guramentat in risposta, u cjoe dik effetwata permezz tal-ittra datata 27 ta' Lulju 2017 ai termini tar-regolament 13 (4) tar-Regolamenti tad-Dixxiplina tal-2017 (*Public Service Commission Disciplinary Regulations, 2017 S.L. Const.03*) mibghuta mill-esponent Segretarju Permanenti tal-Ministeru ghal Ghawdex lir-rikorrent kif ukoll ikkonfermata mill-Onorevoli Prim'Ministru fil-21 ta' Awissu 2017 fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fit-3 ta' Awissu 2017 **giet mnehhija fis-17 ta' Jannar 2018 mill-Onorevoli Prim'Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tal-11 ta' Jannar 2018 u kkomunikata lir-rikorrent mis-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex fit-18 ta' Jannar 2018**;

   Illi prezentament u cjoe b'effett mid-19 ta' Jannar 2018 ir-rikorrent qieghed iwettaq id-dmirijiet tieghu fil-Kullegg ta' Ghawdex li jaqa' taħt il-Ministeru tal-Edukazzjoni u Xogħol, fejn qieghed jircievi l-istess salarju, allowances u beneficcji ohra illi huwa intitolat ghalihom skont il-kuntratt tieghu fil-pozizzjoni ta' direttur;

2. Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-trasferiment tar-rikorrent mill-kariga tieghu fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex ghal pozizzjoni tieghu odjerna fi hdan il-Kullegg ta' Ghawdex ma taqax taht id-definizzjoni ta' *eghmil amministrattiv* ai termini tal-Artikolu 469A (2) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta *stante* illi eghmil amministrattiv *"ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità"*;

**<u>Eċċezzjonijiet fil-mertu</u>**

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrent;

2. Illi l-esponent jeċepixxi illi ai termini tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati mir-rikorrent qegħdin jiġu kkontestati u jeħtieġ illi jiġu pruvati;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-sospensjoni msemmija fir-rikors guramentat in risposta hija regolata mill-*Public Service Commission Disciplinary Regulations, 2017 (S.L. Const 03)*. Illi tali sospensjoni kienet wahda legittima u li saret skond ir-regolament 13(4) tal-istess Regolamenti u dan bhala mizura kawtelatorja in vista tal-fatt li hemm inkjesta magisterjali pendenti fil-konfront tar-rikorrent. Ghaldaqstant l-allegazzjoni tar-rikorrent illi s-sospensjoni saret b'mod illegali hija fiergha u nfondata;

4. Illi s-sospensjoni surreferita giet imnehhija formalment fis-17 ta' Jannar 2018 minn l-esponent l-Onorevoli Prim'Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku tal-11 ta' Jannar 2018 u kkomunikata lir-rikorrent mill-Kap tad-Dipartiment is-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex fit-18 ta' Jannar 2018;

5. Illi s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghal Ghawdex bhala Kap tad-Dipartiment kkoncernat ghandu l-obbligu li jottempra ruhu mar-Regolamenti tad-dixxiplina u dan sabiex jiggarantixxi *standard* gholi u fiducja fis-servizz pubbliku u jassigura li ma jigux pregudikati jew intralcjati l-investigazjzonijiet ordnati mill-Qorti;

6. Illi l-allegazzjoni tar-rikorrent illi d-decizjoni tal-esponent hija *ultra vires* ma treggix ghas-semplici fatt illi r-Regolament 13 (4) tal-*Public Service Commission Disciplinary Regulations, 2017 (S.L. Const 03)* specifikament tiddelineja il-parametri tad-drittijiet u obbligi tal-esponenti:

*"(4) Meta l-Kap ta' Dipartiment ikun irrakkomanda lill-Kummissjoni li l-uffiċjal għandu jiġi sospiż għal raġunijiet ta' prekawzjoni, huwa jista' jissospendi lill-uffiċjal mill-eżerċizzju tas-setgħat u tal-funzjonijiet*

*tal-kariga tiegħu sakemm tasal id-deċiżjoni tal-Prim Ministru li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni."*

Illi d-decizjoni ahharija tispetta lill-esponent l-Onorevoli Prim'Ministru mehuda fuq rakomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dan ai termini tal-artikolu 110 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta:

*"110.(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni, is-setgħa li jagħmel ħatriet għall-karigi uffiċjali u li jneħħi, u li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq, persuni li jkollhom jew ikunu jaġixxu f'xi karigi bħal dawk tkun fil-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku"*

Illi ghaldaqstant id-decizjoni affermata mill-esponent giet mehuda entro il-parametri tal-ligi;

7. Illi kif gja inghad, is-sospensjoni imsemmija llum m'ghadiex in vigore u r-rikorrent qieghed iwettaq id-dmirijiet tieghu fil-Kullegg ta' Ghawdex, fejn qieghed jircievi l-istess salarju, allowances u beneficcji ohra illi huwa intitolat ghalihom skont il-kuntratt tieghu fil-pozizzjoni ta' direttur. Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti kif imfissra fir-rikors guramentat in risposta qatt ma jistghu jigu akkolti *stante* illi s-sospensjoni m'ghadiex in vigore u konsegwentament m'hemm xejn li jista' jigi annulat u imhassar. L-istess jinghad ghat-talba ta' reintegrazzjoni tar-rikorrent *stante* illi r-rikorrent gja gie reintegrat fil-kundizzjonijiet kollha fil-posizzjoni tieghu ta' direttur;

8. Illi jinghad illi m'hijiex accetabbli illi r-rikorrent jghid illi huwa sar jaf biss bid-decizjoni ahharija tal-Onorevoli Prim'Ministru tramite xhieda li instemghu f'proceduri ta' natura kostituzzjonali *stante* illi kemm l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll ir-regolament 13 (4) tar-Regolamenti tad-Dixxiplina tal-2017 (*Public Service Commission Disciplinary Regulations, 2017 S.L. Const.03*) jsemmu specifikament l-funzjoni ahharija tal-Onorevoli Prim'Ministru fir-rigward ta' azzjonijiet dixxiplinari. Ghaldaqstant

*ignoratia legis neminem excusat* ghaliex il-ligi hija cara u m'hijiex skuza illi r-rikorrenti ma kienx a konoxxenza tal-istess ligi;

9. Illi r-rikorrent gja qajjem l-istess ilmenti li qieghed iqajjem fir-rikors guramentat in risposta fi proceduri gudizzjarji quddiem din l-Onorrabli Qorti fil-kawza fl-ismijiet "*Mark Formosa vs Is-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex et*" rikors numru 8/2018 u aghmel rizerva sabiex l-esponent jigi kjamat in kawza f'dawk il-proceduri. Jinghad illi r-rikorrent aghzel illi jiftah zewg kawzi separati *stante* illi proceduralment ir-rikorrent naqas milli josserva l-procedura envista fl-artikolu 460 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-esponent Prim'Ministru u b'hekk qieghed jittenta li jeghleb dan in-nuqqas. L-esponent certament m'ghandhux jbati s-spejjes ta' dan is-sdoppjament ta' kawzi;

10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrent.

**Il-Qorti:**

**Rat** id-digriet ta' l-10 ta' Ottubru, 2018[3] li permezz tiegħu l-Qorti eżentat lill-Ispetturi Rennie Stivala u Yvonne Farrugia milli jixdhu fil-kawża odjerna u dan minħabba li kien hemm Inkjesta Maġisterjali għaddejja dwar irregolaritajiet ġewwa l-Ministeru għal Għawdex.[4]

**Fliet** il-proċess tar-Rikors Kostituzzjonali numru 85/2017 JPG fl-ismijiet *Mark Formosa vs Avukat Generali,*[5] bl-atti u d-dokumenti kollha relattivi, inkluż ix-xhieda kollha fih miġbura.[6]

**Rat** id-dokument a fol 116 tal-proċess li huwa ittra datata d-29 ta' Settembru, 2017 u mibgħuta mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku lill-attur, b'kopja lill-avukati tiegħu, fejn l-istess attur ġie nfurmat li s-sospensjoni tiegħu kienet waħda prekawzjonarja u ma' timplika ebda

[3] A fol 20.
[4] Vide rikors tal-imsemmija Spetturi a fol 18 u 19.
[5] A fol 25.
[6] A fol 25 sa 172.

ħtija. L-istess ittra żżid li s-sospensjoni kienet meħtieġa sabiex tinżamm il-fiduċja pubblika fid-dipartiment u saret skont ir-Regolamenti tad-Dixxiplina.[7]

**Rat** li fl-udjenza tad-29 ta' Marzu, 2019 l-avukati patroċinanti l-attur talbu aġġornament tal-atti tal-proċeduri Kostituzzjonali kif inklużi fl-atti ta' din l-istanza.[8] **Rat** li l-atti ġew aġġornati b'nota tat-23 ta' April, 2019 tad-Deputat Registratur b'dokumenti annessi.[9]

**Rat** li din il-kawża ġiet assenjata lilha fil-5 ta' Marzu, 2021.[10]

**Rat** li fis-seduta tal-4 ta' Frar, 2022 l-attur iddkjara l-istadju tal-provi tiegħu magħluq.

**Rat** li fis-seduta tat-30 ta' Marzu, 2022, il-partijiet iddikjaraw li l-kawża tista tiġi differita għas-sentenza bil-fakulta' li jagħmlu noti ta' osservazzjonijiet finali bil-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza.

**Rat** in-noti ta' l-osservazzjonijiet finali tal-partijiet.

**A. Ikkunsidrat:**

Permezz ta' din il-kawża l-attur qed jitlob lil Qorti sabiex tistħarreġ id-deċiżjoni għas-sospensjoni li ttieħdet fil-konfront tiegħu, bil-konsegwenza ta' liema huwa ġie sospiż mix-xogħol. Jgħid li minħabba din id-deċiżjoni huwa sofra tnaqqis fil-paga u qed jiġi anke imċaħħad mill-opportunita' li jokkupa l-kariga ta' direttur fil-Ministeru għal Għawdex. L-attur qed jinvoka l-applikazzjoni ta l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 Ligijiet ta Malta. Jitlob lill-Qorti thassar u tannulla d-decizjoni amministrattiva msemmija.

Il-konvenut minn nħħa tiegħu jilqa' għat-talbiet ta' l-attur billi jgħid li l-mertu tal-kawża huwa eżawrit u fi kwalunkwe' każ is-sospensjoni saret

---

[7] A fol 116.
[8] Verbal a fol 215.
[9] A fol 216 sa 222.
[10] A fol 269 sa 270.

ai termini tal-liġi. Jgħid ukoll li d-deċiżjoni ta' trasferiment tal-attur minn Ministeru għall ieħor li ttieħdet kienet waħda li ma tinkwadrax fid-definizzjoni ta' egħmil amministrattiv billi kienet deċiżjoni li saret għal għan ta' origanizazzjoni u amministrazzjoni interna. Iżid illi huwa jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Jinsisti li mhux aċċettabbli li l-attur jgħid li sar biss jaf bl-involviment tiegħu waqt proċeduri Kostituzzjonali. Jgħid ukoll li din il-kawża hija identika għall-oħra li l-attur fetaħ kontra s-Segretarju Permanenti u terzi.

**B. Provi:**

**Semghat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Christine Schembri**, Segretarju Eżekuttiv fi ħdan il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku.[11] Xehdet illi fil-15 ta' Diċembru, 2017 il-Kummissjoni kitbet lis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u talbitu jindika jistax isib post ta' xogħol alternattiv għall-attur. B'risposta tal-5 ta' Jannar, 2018 għal dan il-Kummisjsoni ġiet infurmata li l-attur kien nstablu post alternattiv fil-Minsiteru tal-Edukazzjoni. Il-post kien fl-istess grad li kien iħaddan qabel bħala direttur fi ħdan il-Ministeru. Tispjega li l-Kummissjoni tara li l-pulizija ma' tiġi mtellfa fil-qadi ta' dmirha. Tgħid li uffiċjal li jiġi sospiż, meta jissejjah lura ma' jitpoġġix fil-post li kien sabiex ma' tixxekkelx l-investigazzjoni tal-pulizija. Tinsisti li l-Kummissjoni ġiet biss mitluba tikkunsidra s-sopensjoni tal-attur peress li kien hemm investigazzjoni tal-pulizija għaddejja u inħass li kien idejali li l-attur ikun sospiż u ma' jersaqx lejn il-post tax-xogħol.

Eżebit diversi dokumenti li juru r-rakkomandazzjonijiet li saru sabiex diversi uffiċjali, fosthom l-attur, li kienu sospiżi b'mod prekawzjonali jiġu mdaħla lura għax-xogħol b'riserva li jerġgħu jiġu sospiżi jekk tqum il-ħtieġa.[12]

---

[11] Xhieda moghtija fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali Nru. 85/2017 JPG l-atti ta' liema gew introdotti f'dawn il-proceduri permezz tal-verbal tat-12 ta' Ottubru, 2018 a fol 173. A fol 58 sa 61, b'dokumenti ezebiti a fol 62 sa 64.
[12] A fol 62 sa 64.

**Charmaine Busato**, Assistent Direttur fid-Diviżjoni tan-Nies u l-iStandards fi ħdan l-Uffiċju tal-Prim' Ministru.[13] Xehdet illi l-attur daħal lura għax-xogħol wara li tneħħiet is-sospensjoni temporanja li kienet inħarġet fil-konfronmt tiegħu. Ikkonfermat li huwa daħal lura fl-istess grad u bl-istess paga li kellu qabel is-sospensjoni. Iżżid li anke l-*allowances* tħallus kollha *backdated*. Tinsisti li l-attur daħal lura fl-istess grad li kien iħaddan qabel is-sospensjoni u bl-istess paga u *allowances*. Li nbidel biss huwa l-post tax-xogħol mill-Ministeru għal Għawdex għad-Dipartiment tal-Edukazzjoni, Għawdex.

**Xehdet ulterjorment[14]** fejn qalet illi l-uffiċju tagħha jieħdu ħsieb id-dixxiplina u l-integrita'. Iżżid li jirċievu rakkomandazzjonijiet mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku li eventwalment iwasslu lill-Prim' Ministru għall-approvazzjoni tiegħu. Spjegat li l-attur ġie sospiż pendenti nkjesta maġisterjali. Iżżid li f'Jananr tal-2018 is-sospensjoni prekawzjonali tiegħu ġiet imneħħija mingħajr preġudzziju li l-istess terġa tiġi fis-seħħ jekk iqum il-bżonn. Tgħid li għalhekk l-attur iddaħħal lura għax-xogħol iżda peress li l-każ kellu x'jaqsam mal-post tax-xogħol tiegħu, huwa ddaħħal lura f'dipartiment differenti ossia, f'dak ta' l-edukazzjoni. Tgħid li wara dan, skada l-kuntratt li kellu. Spjegat ukoll rigward is-sitwazzjoni tan-nofs paga waqt is-sospensjoni kif ukoll l-*allowances* u l-arretrati wara li l-istess sospensjoni tneħħiet. Tispjega l-proċedura tas-sospensjoni u allura tgħid li huma jkollhom rapport quddiemhom b'rakkomandazzjoni u jimxu minn hemm skond il-każ. Tgħid li fil-każ ta' l-attur peress li l-kwistjoni kienet titratta l-post tax-xogħol inħass li kien għaqli li jiġi sospiż prekawzjonalment u dan sabiex l-investigazzjoni issir b'mod ħieles.

**In ri-eżami**, tikkoferma li malli daħal lura għax-xogħol, l-attur ħa l-paga li kellu jieħu. Iżżid li frattemp, il-kuntratt tal-attur skada u l-post li kien iħaddan baqgħat vakanti.

**Xehdet ulterjorment**[15] illi meta tasal rakkomandazzjoni mingħand il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku huma jgħadduha lill-Prim' Ministru

---

[13] Xhieda moghtija fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali Nru. 85/2017 JPG l-atti ta' liema gew introdotti f'dawn il-proceduri permezz tal-verbal tat-12 ta' Ottubru, 2018 a fol 173. A fol 74 sa 76.
[14] Xhieda moghtija fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali Nru. 85/2017 JPG l-atti ta' liema gew introdotti f'dawn il-proceduri permezz tal-verbal tat-12 ta' Ottubru, 2018 a fol 173. A fol 88 sa 92 b'dokumenti ezebiti a fol 93 sa 95.
[15] A fol 189 sa 192.

u wara li dan jiddeċiedi huma jgħaddu d-deċiżjoni tiegħu lid-dipartiment konċernat.

Tispjega li sospensjoni hija regolata mir-Regolamenti tas-Servizz Pubbliku u, meta xi ħadd ikun qiegħed jiġi nvestigat mill-pulizija, jew jittella' l-Qorti, il-Kap tad-Dipartiment tiegħu huwa obbligat jinforma lill-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku. Tenfasizza li f'dan il-każ, il-Kap tad-Dipartiment, ossia, is-Segretarju permanenti mexa mal-proċedura.

Tgħid li minn naħħa tagħhom, meta jiġu nfurmati b'sospensjoni, għandhom *template* li trid timtela li fiha sett ta' kriterji li jekk sodisfatti jwasslu għal-konferma tas-sospensjoni. Dawn il-kriterji jikkonċernaw, *inter alia,* il-gravita tal-każ u jekk jistax ikun hemm evidenza li tista mittiefsa.

**Mark Formosa**, l-attur, xehed[16] illi sal-ġurnata tax-xhieda, kien tħallas l-paga normali tiegħu u l-*allowances* iżda mhux l-arretrati mid-data tas-sospensjoni sakemm daħal lura għax-xogħol.

**Xehed ulterjorment**[17] illi huwa kien *leave* mix-xogħol tiegħu fil-Ministeru għal Għawdex meta rċieva telefonata mis-Segretarju Permanenti li qallu jidħol. Iżid li mar u sab il-pulizija. Jgħid li ġie nfurmat li hemm xi allegazzjonijiet u nħareġ mandat ta' tfittxija. Jgħid li fittxewlu l-uffiċċju u d-dar. Jispjega kif is-sospensjoni affetwatlu paga u *allowances*. Jirreferi għall-ittra eżebiti a fol 116 tal-proċess.

**Xehed ulterjorment**[18] rigward il-fatt li ssejjaħ sabiex jixhed fl-Inkjesta Maġisterjali.

---

[16] Xhieda moghtija fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali Nru. 85/2017 JPG l-atti ta' liema gew introdotti f'dawn il-proceduri permezz tal-verbal tat-12 ta' Ottubru, 2018 a fol 173. A fol 78 sa 79. Xehed ulterjorment fl-istess proceduri Kostituzzjonali a fol 81 sa 82, b'dokumenti ezebiti a fol 83 sa 84, u ghal darb'ohra a fol 86 sa 87.

[17] Xhieda moghtija fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali Nru. 85/2017/1 JPG l-atti ta' liema gew introdotti f'dawn il-proceduri permezz tal-verbal tat-12 ta' Ottubru, 2018 a fol 173. A fol 123 sa 125.

[18] Xhieda moghtija fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali Nru. 85/2017/1 JPG l-atti ta' liema gew introdotti f'dawn il-proceduri permezz tal-verbal tat-12 ta' Ottubru, 2018 a fol 173. A fol 153 sa 154.

**Xehed ulterjorment**[19] illi x-xogħol tiegħu bħala direttur fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex kien li jkollu struzzjonijiet mingħand is-Segretarju Permanenti dwar liema toroq kellhom isiru. Jispjega li hu flimkien mas-Segretarju Permanenti kien iqabbad lill-periti sabiex jagħmlu l-*Bills of Quantity* u jippreparaw it-*tenders.* Jgħid li huwa kien Direttur tal-Proġetti u Żvilupp, Għawdex.

Jispjega l-proċess intrapriż sabiex it-*tender* jitlesta u jintbagħat id-Dipartiment tal-kuntratti. Jgħid ukoll li taħt id-dikasteru tiegħu kellu wkoll il-biċċerija fir-rigward ta' manutenzjoni u persunal. Jisħaq li x-xogħol tiegħu fejn jidħlu *tenders* kien ta' kordinazzjoni. Jgħid li dam f'din il-kariga mill-2015 sa' meta ġie sospiż fl-2017.

Jispjega kif ġie sospiż.

Jgħid ukoll li mbagħad ma baqax sospiż, reġa daħal fil-kariga ta' direttur iżda din id-darba kien fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni fejn baqa' sakemm skada l-kuntratt ta' Direttur li kellu fl-2018.

Jispjega li meta reġgħet ħarġet is-sejħa għal-direttur huwa kien applika. Jgħid li għamel l-intervista iżda wara ġie nfurmat li r-riżultat kien sospiż.

Jgħid li d-Direttorat li kien Direttur tiegħu huwa fil-Ministeru llum jinsab maqsum fi tlieta. Jgħid li llum ma hemmx il-post ta' Direttur tal-Proġetti u Żvilupp għax dak id-direttorat spiċċa.

Jgħid ukoll li llum jokkupa l-grad ta' *Senior Principal* billi ma reġax ġie appuntat direttur.

**Xehed ulterjorment**[20] rigward l-intervista li kien għamel meta reġgħa applika għal-post ta' direttur wara li għalaqlu l-kuntratt li kellu fl-2018. Ippreżenta varji dokumenti rigward dan. Jippreżenta wkoll kopji ta' emails li rċieva mingħand ċertu Christian Abela fejn dan allega korruzzjoni fid-dipartiment tal-attur.

---

[19] Seduta tas-16 ta' Settembru, 2021.
[20] Seduta tal-4 ta' Frar, 2022.

**Analise Micallef**, uffiċjal tar-riżorsi umani fid-Diviżjoni Nies u Standards fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim' Ministru.[21] Xehdet illi l-attur ġie ngaġġjat fis-servizz pubbliku fl-2004. Tispjega l-*progression* tiegħu minn hemm il-quddiem. Tgħid li fl-2014 ġie appuntat Direttur tal-Proġetti u l-Iżvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex b'terminu minn April 2015 sa Marzu 2018. Iżżid li mbagħad ġie sospiż b'effett mill-21 ta' Awwissu, 2017. Tgħid li s-sospensjoni ġiet imneħħija f'Jannar tal-2018 fejn huwa għalhekk iddaħħal jaħdem mal-Ministeru tal-Edukazzjoni.

**Josephine Attard**, *Compliance Officer* rigward dixxiplina fi ħdan il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku.[22] Xehdet illi fir-rigward tal-attur kien hemm investigazzjoni mill-pulizija. Iżżid li minħabba f'hekk is-Segretarju Permanenti għal-Ministeru għal Għawdex qalilhom li l-attur ser jiġi sospiż. Tgħid li din hija poċedura skond ir-Regolamenti tad-Dixxiplina. Iżżid li għalhekk il-Kummissjoni għamlet rakkomandazzjoni għas-sospensjoni. Tgħid li wara li għadda xi żmien il-Kummissjoni rrakkomandat li s-sospensjoni tal-attur titneħħa. Tgħid li dan seħħ minkejja li l-investigazzjoni kien għadha għaddejja. Tgħid li meta l-attur iddaħħal lura għax-xogħol huwa daħal fl-istess grad li kien fih qabel is-sospensjoni u baqa f'dak il-grad sa ma' għalaqlu l-kuntratt. Tispjega x'ġara mill-paga tal-attur tul is-sospensjoni u x'jiġri jekk il-pulizija ma' tmexxiex kontrih u l-każ jiġi meqjus magħluq jew jekk il-każ jittella' il-Qorti u jinstab ħati.

**In kontro-eżami** ttenni li huma jkunu rċievew ittra mingħand is-Segretarju Permanenti, f'dan il-każ tal-Ministeru għal Għawdex. Minn hemm jimxu skond ir-Regolamenti u jagħmlu rakkomandazzjoni lill-Prim' Ministru. Tgħid li jkun is-Segretarju Permanenti li jinfurmhom li hemm investigazzjoni għaddejja. Tinsisti li huma jimxu biss mar-Regolamenti b'dan illi l-invetsigazzjoni tkun qed titmexxa mil-pulizija u huma, dment li hamm invetsigazzjoni, jimxu skond ir-Regolamenti.

[21] Xhieda mogħtija fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali Nru. 85/2017 JPG l-atti ta' liema gew introdotti f'dawn il-proceduri permezz tal-verbal tat-12 ta' Ottubru, 2018 a fol 173. A fol 97 sa 99.
[22] Xhieda mogħtija fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali Nru. 85/2017 JPG l-atti ta' liema gew introdotti f'dawn il-proceduri permezz tal-verbal tat-12 ta' Ottubru, 2018 a fol 173. A fol 101 sa 108.

Tinsisti li l-pulizija m'għandiex x'taqsam mas-sospensjoni u li din tintalab biss mil-Kap tad-Dipartiment.

**Xehdet ulterjorment**[23] illi meta uffiċjal ikun qiegħed jiġi nvestigat mil-pulizija dan jista jiġi sospiż provizorjament ai termini tar-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-2017. Jgħid li ai termini ta' dawn ir-regolamenti il-Kap tad-Dipartiment stess joħroġ sospensjoni prekawzjonarja u mbagħad jagħmel rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni. Jekk il-Kummissjoni taqbel tagħmel rakkomandazzjoni hi lill-Prim' Ministru li l-Prim' Ministru mbagħad japprova. Tgħid li fil-każ ta' l-attur ġara preċiżament dan.

Tippreżenta kopja ta' estratt mir-Regolamenti u tgħid li japplika partikolarment ir-Regolament 13. Tippreżenta wkoll kopja tar-rakkomandazzjoni li saret fil-każ tal-attur mil-Kap tad-Dipartiment tiegħu (ossia s-Segretarju Permanenti) datata s-27 ta' Lulju, 2017[24] u dik li saret mill-Kummissjoni lill-Prim' Ministru datata t-3 ta' Awwissu, 2017 li l-Prim' Ministru kkonferma nhar il-21 ta' Awwissu, 2017.[25]

Tispjega li r-rakkomandazzjoni kienet li l-attur jiġi sospiż b'mod prekawzjonarju. Tispjega l-effetti tas-sospensjoni fuq paga u *allowances*. Tispjega wkoll x'jiġri mis-sospensjoni, paga, u *allowances* jekk l-investigazzjoni tal-pulizija ma ssib xejn jew jekk individwu jinstab ħati.

**Xehdet ulterjorment**[26] rigward il-proċedura li tapplika f'każijiet fejn ikun hemm kwistjonijiet li potenzjalment jistgħu jwasslu għal sospensjoni. Tispjega li skont ir-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina, senjatament ir-Regolamenti 12 u 13, meta Kap ta' Dipartiment ikun mgħarraf li hemm investigazzjoni għaddejja fuq uffiċjal jista jirreferi l-każ lill-Kummissjoni. Tispjea kif f'dan il-każ il-Kummissjoni irċieviet ittra mingħand is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għal Għawdex fis-27 ta' Lulju, 2017

[23] Xhieda moghtija fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali Nru. 85/2017/1 JPG l-atti ta' liema gew introdotti f'dawn il-proceduri permezz tal-verbal tat-12 ta' Ottubru, 2018 a fol 173. A fol 139 sa 143, b'dokumenti ezebiti a fol 144 sa 148.
[24] A fol 147.
[25] A fol 148.
[26] A fol 202 sa 210, b;dokuemtni ezebiti a fol 211 sa 214.

fejn dan irrakkomanda sospensjoni stante li kien hemm investigazzjoni għaddejja mill-pulizija.

Iżżid li sospensjoni tingħata meta jkun hemm biża li l-uffiċjal jista jmiss evidenza, jew jintimida impjegati oħra li huma xhieda, jew minħabba kunflitt ta' nteress kif ukoll sabiex tinżamm il-fiduċja tal-pubbliku fis-servizz tal-Gvern.

Tgħid li l-investigazzjoni fil-konfront ta' l-attur ġiet a konoxxjenza tagħhom permezz ta' l-ittra mibgħuta mis-Segretarju Permanenti. Tispjega li ittra bħal dik tas-Segretarju Permanenti tiġi meqjusa mill-Kummissjoni li mbagħad tagħmel ir-rakkomandazzjoni tagħha lill-Prim' Ministru. Tinsisti li s-Segretarju Permanenti mexa' skond ir-Regolamenti li huwa marbut bihom.

Tgħid li l-informazzjoni li għandhom hi li l-attur għadu ma ġiex akkuzat u kien għalhekk li tneħħiet is-sospensjoni stante li huma ma' jaqblux li sospensjoni tinżamm fit-tul. Tgħid iżda, li minħabba fin-natura tal-akkużi l-attur ma ddaħħalx lura jaħdem fl-istess post li kellu qabel u dan, billi l-inkjesta għadha mhix magħluqa u sabiex ma' tiġix preġudikata l-istess.

Tippreċiża li l-Kummissarju tal-Pulizija m'għandux x'jaqsam ma' sospensjoni ta' uffiċjal pubbliku. Tgħid li din titmexxa minn Kap ta' Dipartiment, mill-Kummissjoni u mill-Prim' Ministru.

**Spettur Yvonne Farrugia**, xehdet[27] illi hija kienet waħda mill-uffiċjali li nvestigat allegati rregolaritajiet fil-Ministeru għal Għawdex. Iżżid li fuq il-każ hemm Inkjesta Maġisterjali għaddejja. Tispjega li huma kienu jinvestigaw l-operat tal-Minsiteru u li mir-riżultat ta' hekk jaraw johrogux akkużi. Tgħid li bħala pulizija ma' bgħatux għas-sospensjoni tal-attur. Iżżid li jekk kien hemm deċiżjonijiet oħrajn dawk ma' jidħlux fihom. Tgħid li sospensjoni tinħareġ mid-dipartiment mhux mil-pulizija.

[27] Xhieda moghtija fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali Nru. 85/2017/1 JPG l-atti ta' liema gew introdotti f'dawn il-proceduri permezz tal-verbal tat-12 ta' Ottubru, 2018 a fol 173. A fol 120 sa 122.

**John Borg**, Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.[28] Xehed illi l-attur kien Direttur tal-Proġetti fi ħdan il-Ministeru tiegħu b'kuntratt li beda fl-2015 għal tlett (3) snin. Jgħid li marru għandhom il-pulizija u qaluli li kienet ser tinbeda nvestigazzjoni fuq id-dipartiment tal-attur. Iżid li ġew identifikati l-attur u żewġ uffiċjali oħrajn li l-pulizija talbu li jiġu mitkellma. Iżid li kien hemm Inkjesta Maġisterjali għaddejja u saret ukoll tfittxija fl-uffiċji u djar tal-uffiċjali. Jgħid li abbazi ta' dan huwa ha parir intern u kiteb sabiex tinħareġ sospensjoni prekawzjonarja. Jgħid li allura skond ir-Regolament 13(4) kiteb jinforma lill-uffiċċjali li qed jiġu sospiżi b'mod prekawzjonarju sakemm tiddeċiedi l-Kummissjoni li mbagħad għamlet ir-rakkomandazzjoni tagħha lill-Prim' Ministru. Jgħid li fil-każ tal-attur is-sospensjoni tiegħu ġiet approvata mill-Uffiċju tal-Prim' Ministru. Jispjega kif jiġu affetwati paga u *allowances* ta' uffiċjal f'każ ta' sospensjoni.

**Xehed ulterjorment**[29] illi f'Lulju, 2017 marru l-pulizija fl-uffiċċju tiegħu u nfurmawh li kienu ser jitkellmu ma tlett persuni fosthom l-attur. Qalulu wkoll li kien hemm Inkjesta Maġisterjali għaddejja u li kienet ser issir tfittxija fid-dar ta' dawn l-individwi kif ukoll fl-uffiċini tagħhom. Jgħid li huwa kien infurmat illi kienu qed jiġu nvestigati rregolaritajiet fid-Direttorat. Ikompli li huwa mbagħad ħareġ sospensjoni prekawzjonarja, baghat jnforma bl-istess lil PSC u din minn naħħa tagħha rrakkomandat lill-Prim' Ministru sabiex japprova s-sospensjoni kif fal-fatt għamel. Jispjega li s-sospensjoni hija mezz ta' prekawzjoni u ma' jfissirx li l-attur ser jibqa' sospiż. Iżid li l-pulizija kienu li qalulu li riedu jkellmu lill-attur u żewġ individwi oħra u huwa sejħilhom jattendu kif fil-fatt għamlu.

Itenni li l-pulizija ma kienux qed jagħtuh informazzjoni ta' x'qed jiġri u tal-progress tal-Inkjesta Maġisterjali. Jgħid li għalhekk f'Jannar 2018 huwa tkellem mal-PSC, qablu li mhux sew li l-attur jibqa' sospiż, u d-deċiżjoni tas-sospensjoni ġiet riveduta u tneħħiet minkejja li l-Inkjesta kienet għadha għaddejja. Iżid li l-attur ilu minn Jannar 2018 mhux sospiż u li wara li tneħħiet is-sospensjoni tiegħu huwa mar jaħdem id-Dipartiment

[28] Xhieda moghtija fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali Nru. 85/2017/1 JPG l-atti ta' liema gew introdotti f'dawn il-proceduri permezz tal-verbal tat-12 ta' Ottubru, 2018 a fol 173. A fol 132 sa 138.
[29] A fol 180 sa 186 b'dokumenti ezebiti a fol 187 sa 188.

tal-Edukazzjoni. Jiċċara li għalkemm is-sospensjoni tneħħiet din tista terġa tidħol fis-seħħ.

Jgħid illi l-attur intbagħat jaħdem f'Ministeru ieħor billi l-Inkjesta Maġisterjali għadha għaddejja.

**Xehed ulterjorment**[30] rigward korrispondenza bl-email riċevuta mill-attur mingħand ċertu Christian Abela. Jgħid illi wara li rċieva mingħand l-attur kopja ta' l-email li l-attur kien irċieva mingħand Christian Abela fl-24 ta' Marzu, 2017, huwa kien bagħat il-każ lil-*Internal Audit and Investigation Department* sabiex jinvestigaw. Jgħid li ma jiftakarx x'kien l-eżitu ta' dan billi għadda ż-żmien.

Ippressat mill-Qorti jghid li l-*Internal Audit and Investigation Department* ma reġgħux kellmuh u jinsisti li hu ma ħax passi kontra l-attur fuq il-kontenut ta' l-email. Jgħid li jaf li l-attur kien għamel kwerela kontra Christian Abela pero' hu ma' kienx involut f'dan.

Rigward id-direttorat li kien imexxi l-attur meta kien *Director Projects and Development*, jgħid li huwa kien ta' l-opinjoni li bħala direttorat dan kien kbir wisq u allura ssuġġerixxa li jinqasam u fil-fatt kien inqasam fi tnejn (2); proġetti u rurali (rurali tinkludi agrikoltura, akwakultura u biċċerija). Jgħid li d-deċiżjoni li d-direttorat jinqasam fi tnejn (2) kienet tiegħu. Jgħid li huwa kien talab li ssir din il-qasma mil-bidu malli mar jaħdem bħala Segretarju Permanenti fl-2014/2015 iżda t-talba tiegħu ntlaqet aktar tard.

Rigward is-sejħa għal ħatra ta' direttur jgħid li l-attur inħatar direttur fl-2015 u l-kuntratt skada fl-2018. Iżid li fl-2018 harġet sejħa għal direttur fit-taqsima tal-proġetti iżda ħadd ma' ntgħażel. Jispjega li kultant jiġri li jkun hemm sejħa u ma jintgħażel ħadd. Jgħid li aktar tard ħarġet sejħa għad-direttorat rurali u wara li ġie deċiż li m'għandux ikun hemm direttorat tal-proġetti ħarġet is-sejħa għal direttur tal-manutenzjoni. Jgħid ukoll li dan iċ-ċaqliq u tibdil ta' dan it-tip isir minn żmien għal żmien.

[30] Seduta tal-4 ta' Frar, 2022.

Rigward is-sejħa għal direttur tal-proġetti ta' l-2018 jgħid li din ħarġet xi darbtejn u ma mtlietx. Jgħid li ma' jafx għalfejn ma' mtlietx għax huwa ma jkunx involut fl-iproċessar ta' l-applikazzjonijiet u lanqas fl-intervisti u fil-bordijiet.

Jgħid li meta ġie sospiż l-attur l-uffiċċju tiegħu ġie msakkar minħabba l-investigazzjoni li kienet għaddejja. Jgħid li llum l-uffiċċju huwa okkupat mid-Direttur tal-Manutenzjoni.

**Silvana Grech**, in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali (Għawdex), xehdet[31] illi l-atti tal-Inkjetsa Maġisterjali tinsab għand l-Avukat Ġenerali.

**Philip Dominic Sammut**, *Senior Principal* fid-dipartiment tas-salarji fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex xehed[32] illi huwa ħadem id-danni bbażati fuq *allowances* li kieku l-attur ħadem ix-xogħol, billi fir-rejalta x-xogħol ma' ħadmux għax kien sospiż.

Rigward l-*allowances* jgħid li bħala direttur l-attur kellu *communications allowance* ta' € *758.36, expenses allowance* ta' € 772.84, u *allowance tal-masters* ta' € 379.18. Jgħid li l-ewwel żewġ *allowances* japplikaw għad-diretturi kollha li jaħdmu mal-Gvern filwaqt li l-*masters allowance* tapplika biss għal dawk id-diretturi li jkollhom il-kwalifika ta' *masters degree*.

Rigward il-karozza jispjega li dan huwa *fringe benefit* u wieħed jista jagħżel jew l-użu ta' karozza jew inkella l-ekwivalenti ta' flus fis-somma ta' €16.15 li tiġi ntaxxata bħala *benefit*. Jispjega li billi titħallas it-taxxa fuq dan il-benefiċċju, meta l-benefiċċju ma tibqax tieħdu t-taxxa tonqoslok. Ippreżenta prospett.

**C. Ikkunsidrat Ulterjroment:**

[31] A fol 225 sa 226.
[32] Seduta tas-16 ta Settembru, 2021.

B'din l-istanza l-attur qiegħed jimpunja deċiżjoni ta' sospensjoni meħduha fil-konfront tiegħu mil-konvenut u terzi li, skont hu, tikser l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jitlob għalhekk sabiex, konsegwentement għas-sejbien tal-ksur tal-liġi allegat minnu, din il-Qorti tannulla u tħassar it-tali deċiżjoni u tirrintegrah fl-istat li kien qabel ma' ttieħdet l-istess deċiżjoni.

Il-konvenut jilqa' għal dan billi, *inter alia,* jinsisti li l-azzjonijiet meħudha minnu ttieħdu lkoll ai termini tal-liġi. Iżid ukoll li mhux ġustifikabbli li l-attur jgħid li sar biss jaf bl-involviment tiegħu waqt il-ġbir tal-provi fi proċeduri Kostituzzjonali u dan, tenut kont tal-fatt li l-involviment tiegħu f'deċiżjoni bħal dik li laqtet lill-attur jirriżulta indiskutibilment minn qari tal-liġijiet rilevanti.

Minn qari tal-premessi tar-Rikors Ġuramentat ta' l-attur jirriżulta li s-subinċiżi tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 li fuqhom qiegħed isejjes din il-kawża l-attur huma s-subinċiżi (1)(b) (ii), (iii) u (iv).[33]

Fin-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu l-attur jinkludi wkoll referenza għas-subinċiż (1)(a) tal-Artikolu 469A. Dan is-subinċiż ma' kienx imqajjem minnu fl-istadju tar-Rikors Ġuramentat tiegħu. Infatti f'din l-istanza ma' tqajmu ebda kwistjonijiet Kostituzzjonali. Ġew biss allegati atti minn proċeduri Kostituzzjonali. Għalhekk din il-Qorti mhijiex sejra tikkunsidra dan il-punt aktar. Kull m'hi ser iżżid f'dan l-istadju huwa li r-referenza għar-regolament fin-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur, hija nkorretta u għandha taqra Regolament 13(4) mhux Regolament 12(5). Ir-Regolamenti nfishom għandhom jaqraw L.S. Kost. 03 mhux L.S. Kost. 06 li filfatt huwa r-referenza għar-Regolamenti dwar l-Elezzjoni ta' Membri tal-Kumitat għall-Imħallfin u l-Maġistrati.

Dan magħdud, u qabel xejn, il-Qorti tosserva li dawn l-istess pretensjonijiet ta' l-attur inġiebu kontra konvenuti oħrajn f'kawża oħra wkoll miġjuba quddiemha għad-deċiżjoni tagħha liema kawża ġġib in-numru 8/2018 BS. Dik il-kawża ma' kienitx iżda tinkludi lill-konvenut *de*

[33] Ref. premessa nru. 5, Rikors Guramentat.

*quo,* l-Onor. Prim' Ministru. B'dan illi din il-kawża tirrigwarda deċiżjoni li tolqot lill-attur li kienet meħudha wkoll mill-konvenut Onor. Prim' Ministru.

L-attur jikkontendi li din id-deċiżjoni *ergo* s-sospensjoni tiegħu mil-kariga tiegħu ta' Direttur tal-Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex abbażi tar-Regolament 13(4) tar-Regolamenti tad-Dixxiplina saret bi ksur ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Jitlob allura li tiġi annullata u konsegwentement, li jingħata lura l-kariga li kien jokkupa qabel ittieħdet l-istess deċiżjoni għas-sospensjoni tiegħu.

Fid-deċizjoni mogħtija nhar it-12 ta' Diċembru, 2011 fl-ismijiet ***Said International Limited vs Bank Centrali ta' Malta*** ingħad dwar l-azzjoni taħt l-Artikolu 469A tal-Kap. 12:

> *Dwar din l-azzjoni, din il-Qorti (diversament presjeduta)* ***[PA/JRM]*** *qalet hekk fis-sentenza taghha tal-1 ta` Marzu 2004 fil-kawza "****Lawrence Borg noe vs Gvernatur tal-Bank Centrali ta` Malta****" li kienet konfermata b`sentenza tal-Qorti tal-Appell fid-9 ta` Marzu 2007 –*
>
> *Illi llum huwa accettat li l-azzjoni ghal stharrig gudizzjarju msemmija fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta hija mahsuba biex taghti rimedju lill-individwu dwar l-imgieba tal-awtorita' pubblika fil-konfront tieghu.* ***Is-setgha li tinghata mill-imsemmi artikolu lill-Qorti fil-kompetenza taghha civili dwar ghemil amministrattiv hija jew (a) dik li tistharreg is-siwi ta' dak l-ghemil jew (b) li tiddikjarah ma jiswiex jew minghajr ebda effett. Dan tista' taghmlu meta*** *l-ghemil jikser il-Kostituzzjoni jew* ***meta jkun sar lil hinn mis-setgha ta' min wettqu (ultra vires). F'din l-ahhar ipotezi, dan l-eccess ta' setgha jista' jirrizulta meta l-att isir minn awtorita' pubblika li ma tkunx awtorizzata twettqu, jew meta dik l-awtorita', ghalkemm ikollha setgha twettaq dak l-ghemil, tkun naqset li thares il-principji ta` gustizzja naturali jew htiega procedurali li ta bilfors trid thares qabel ma tasal ghal dak l-ghemil, jew jekk l-ghemil jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' dik l-awtorita' billi jsir ghal xi ghan mhux xieraq jew fuq konsiderazzjoni irrilevanti, jew meta dak l-ghemil imur b'kull mod iehor li jkun kontra l-ligi****. Bil-kelma "ghemil", il-ligi tifhem ukoll cahda jew rifjut ta' talba li ssir minn persuna lil xi awtorita' pubblika* [emfazi mizjuda].

**Is-subinċiż (ii) tal-inċiż (1)(b) tal-Artikolu 469A:**

Skond dan is-subinċiż, l-egħmil amministrattiv ikun *ultra vires* meta l-awtorita′ pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq ta′ l-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta′ qabel dwar dak l-egħmil.

Qabel xejn, il-Qorti tagħmel ċar li egħmil ta′ l-Onor. Prim′ Ministru jista jiġi sindakat taħt l-Artikolu 469A meta, skont l-Artikolu 181B(1) tal-Kap. 12, il-Prim′ Ministru jkun b′xi mod involut fl-aġir lamentat.

Din kienet il-linja ta′ ħsieb li kienet traċċjata fid-deċiżjoni mogħtija nhar id-29 ta\` Ottubru, 2020 fl-ismijiet ***Jimmy Magro et vs Il-Prim Ministru ta\` Malta et*** fejn ingħad:

> *Illi jekk wiehed iqis kif inhuma mfassla t-talbiet tar-rikorrent f\`din il-kawza, wiehed isib li dawn kollha jirrigwardaw il-fatt li l-Kummissjoni kienet qieghda tistharreg ilment maghmul dwaru u t-tfassil tar-rapport li baghtet lill-Ministru intimat. Fi kliem iehor, l-ilmenti tar-rikorrent jintrabtu kollha mal-fatt tal-procediment quddiem il-Kummissjoni. Ghalhekk, bi thaddim ta\` dak li jipprovdi l-artikolu 181B tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, ghall-ilment tieghu la ghandhom iwiegbu l-intimat Prim Ministru u lanqas lintimat Avukat tal-Istat.*
>
> *Fir-rigward tal-ewwel, ma ntwera bl-ebda mod li dan kien wettaq jew ordna li titwettaq xi haga li dwarha jilminta ir-rikorrent.*

Magħdud dan, hekk kif intqal fid-deċiżjoni preċitata ***Said International Limited vs Bank Centrali ta′ Malta***:

> *Huwa risaput li l-principji tal-gustizzja naturali huma dawk il-principji minimi li ghandhom ikunu osservati waqt proceduri anke ta\` entita′ amministrattiva illi ghandha l-kompitu li tiddeciedi dwar fatti li fuqhom imbaghad ghandha l-poter li tiehu decizjonijiet li jaffettwaw id-drittijiet tal-persuna.*

Fid-deċiżjoni mogħtija nhar il-21 ta′ Mejju, 2009 fl-ismijiet ***Borg vs l-Awtorita′ dwar it-Trasport Pubbliku*** ingħad hekk dwar il-prinċipji tal-ġustizzja naturali:

*Bil-kemm ghandu jinghad li l-htiega li t-tribunal jew awtoritajiet amministrattivi jharsu b'mod skrupoluz it-thaddin ta' dawn il-principji hija wahda li m'ghandux ikun hemm disposizzjoni espressa tal-ligi sabiex wiehed japplikaha.*

Fid-deċiżjoni mogħtija nhar l-14 ta' Ottubru, 2004 fl-ismijiet ***A & J Ta` Miema Ltd vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali kien ippreċiżat li:

*Ovvjament, il-principju audi alteram partem, ma jfissirx li l-parti milquta trid bil-fors tinstema', izda li tinghata l-opportunita' tressaq il-kaz taghha.*

Apparti l-prinċipji tal-ġustizzja naturali, id-disposizzjoni titkellem ukoll dwar ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-egħmil amministrattiv.

Fid-deċiżjoni tal-1985 tal-*House of Lords* fil-kawza ***Council of Civil Service Unions and Others v. Minister for the Civil Service,*** ingħad hekk minn Lord Diplock –

*"I have described the third head as 'procedural impropriety' rather than failure to observe basic rules of natural justice or failure to act with procedural fairness towards the person who will be affected by the decision. This is because susceptibility to judicial review under this head covers also failure by an administrative tribunal to observe procedural rules that are expressly laid down in the legislative instrument by which its jurisdiction is conferred, even where such failure does not involve any denial of natural justice."*

Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, l-prinċipji dottrinali fuq il-ħtiġijiet proċedurali u l-prinċipji ta' ġustizzja naturali; il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tqis il-provizzjonijiet tar-Regolament 13(4) tar-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Leġislazzjoni Sussidjarja Kost. 03,[34] li jrid illi:

**13.** *(4) Meta l-Kap ta' Dipartiment ikun irrakkomanda lill-Kummissjoni li l-uffiċjal **għandu** jiġi sospiż għal **raġunijiet ta' prekawzjoni**, huwa jista' jissospendi lill-uffiċjal mill-eżerċizzju tas-setgħat u tal-funzjonijiet*

[34] Avviż Legali 66 tal-2017, kif emendat.

> *tal-kariga tiegħu sakemm tasal id-deċiżjoni tal-Prim Ministru li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni* [emfazi mizjuda].[35]

Il-Qorti tqies ukoll is-subinċiżi wieħed (1) ta' l-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jrid illi:

> **110.** *(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni, is-setgħa li jagħmel ħatriet għall-karigi uffiċjali u li jneħħi, u li jeżerċita kontroll dixxiplinarji fuq, persuni li jkollhom jew ikunu jaġixxu f'xi karigi bħal dawk tkun fil-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku […]*

Tenut kont ta' dawn il-proviżjonijiet legali, il-Qorti tqis li fil-każ in eżami kull ma għamel il-konvenut Onor. Prim' Ministru kien li kkonferma deċiżjoni ta' sospensjoni tal-attur diġa meħuda mil-kap tad-dipartiment tiegħu (is-Segretarju Permanenti). Dan għamlu wara rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni li mxiet fuq rakkomandazzjoni tas-Segretarju Permanenti. Mill-assjem tal-provi jirrizulta ċar li hawnhekk ġew segwiti l-ħtiġijiet proċedurali enunċjati fir-regolament u l-artikolu suċċitati.

Dan ilkoll seħħ meta kien hemm għaddejja Inkjesta Maġisterjali li tolqot id-dipartiment li tiegħu kien direttur l-attur u dan, għal varji raġunijiet fosthom sabiex ma' tiġix imxekkla l-investigazzjoni, ma' tiġix mimsusa evidenza u ma' jiġux intimidati xhieda.

Il-każ ta' l-attur kien għalhekk wiehed li jimmerita' sospensjoni immedjata ta' prekawzjoni bl-intiża li ma' tiġix imfixkla l-investigazzjoni għaddejja taħt l-awspiċju ta' Inkjesta Maġisterjali kif ukoll sabiex tintwera trasparenza.

Ix-xhieda mill-Ministeru għal Għawdex, inkluż is-Segretarju Permanenti, kif ukoll dawk minn ħdan il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u l-Uffiċċju tal-Prim' Ministru xhedu lkoll konsistentement. Spjegaw illi s-Segretarju Permanenti jista' jagħti sospensjoni prekawzjonali ai termini tar-Regolament 13(4), kif fil-fatt għamel. Spjegaw ukoll li din tibqa' fis-seħħ sa ma' tasal l-approvazzjoni finali tal-Onor. Prim' Ministru li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni.

---

[35] Ma dan ir-Regolament isegwi dak numru 12(1)(c) fit-Taqsima III ta' l-istess Avviż Legali 66 tal-2017, kif emendat li jrid li meta Kap ta' Dipartiment isir jaf li uffiċjal pubbliku li jkun jaqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu ser jinġieb quddiem il-qorti jew qed jiġi investigat jew ġie arrestat mill-pulizija b'konnessjoni ma' reat kriminali, huwa għandu jagħmel rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni għas-sospensjoni prekawzjonarja tal-uffiċjal.

Charmaine Busato tixhed b'mod ċar li fil-każ ta' l-attur inħass il bżonn li sseħħ is-sospensjoni prekawzjonali peress li l-każ kien jitratta l-post tax-xogħol tiegħu u allura sabiex l-investigazzjoni issir b'mod mill-aktar ħieles.

Il-Qorti tqis li dan kien għaqli. L-insistenza tal-attur rigward jekk inħarġux akkużi fil-konfront tiegħu jew le ma' tiċċentrax għax fl-istadju tas-sospensjoni prekawzjonali l-entitajiet ikkonċernati, inkluż il-konvenut, mxew mar-regolamenti li jagħtuhom diskrezzjoni jimponu sospensjoni b'mod prekawzjonali kif fil fatt seħħ f'dan il-każ.

L-Onor. Prim Ministru, allura, ikkonferma rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni illi saret akkont tas-sospensjoni diġa effetwata mis-Segretarju Permanenti. Dan ilkoll sabiex ma' tiġix imfixxkla investigazzjoni għaddejja, ma' tiġix mimsusa l-evidenza, ma' jiġux intimidati xhieda, u, fl-istess waqt, is-settur taċ-ċivil juri serjeta' u l-fiduċja tal-poplu fih ma' tiġix mittiefsa.

Mill-proviżjonijiet tal-liġi vigenti ma' tirriżultax ħtieġa ta' xejn aktar minn din il-proċeduri fejn abbażi ta' rakkomandazzjonijiet tissussisti sospensjoni prekawzjonarja.

Il-figura tal-Onor. Prim Ministru hawnhekk kienet sempliċiment bħala waħda li tapprova; xejn aktar. Għalhekk, ċertament li ma' jistax jingħad li l-istess konvenut kien marbut japplika prinċipji ta' ġustizzja naturali bħal ta' *audi et alteram partem.* Kien biss marbut isegwi l-ħtiġijiet proċedurali applikabbli kif fil-fatt għamel.

Il-Qorti tqis ukoll li fil-każ tal-konvenut *de quo,* dan mhux obligat minn xi liġi li jagħmel xejn għajr li japprova rakkomandazzjoni ta' sospensjoni magħmulha mill-Kummissjoni wara sospensjoni preventiva tas-Segretarju Permanenti.

L-avukati patroċinanti l-attur jagħmlu nsistenza rigward jekk l-attur proprju kienx taħt investigazzjoni jew jekk kienx id-dipartiment tal-kuntratti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex li kien qiegħed jiġi nvestigat. Bir-rispett, dan ma jiċċentrax. Il-kap tad-dipartiment, ossia s-Segretarju Permanenti għandu mhux biss fakolta' imma obbligu li jagħti sospensjoni

prekawzjonarja meta jkun hemm akkużi fil-konfront ta' uffiċjal. Dan jemani skjettament mir-Regolament 12(1)(c) fit-Taqsima III ta' l-istess Avviż Legali 66 tal-2017.

Dipartiment jitmexxa minn direttur u għalhekk il-pulizija talbu għad-direttur.

Għalhekk, din il-Qorti ma' ssibx li l-ħtiġijiet proċedurali jew il-prinċipji tal-ġustizzja naturali ġew mittiefsa bi preġudizzju ta' l-attur u bi ksur ta' dan is-subinċiż (ii) tal-inċiż 1(b) tal-Artikolu 469A.

**Is-subinċiż (iii) tal-inċiż (1)(b) tal-Artikolu 469A:**

Skond dan is-subinċiż, l-egħmil amministrattiv ikun *ultra vires* meta dan jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa ta' l-awtorita' pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti.

Fil-każ tal-konvenut *de quo,* din il-Qorti anqas sejra tidħol fid-dettal fuq dan il-punt. Jirriżulta ampjament mill-proviżjonijiet legali viġenti, ossia, ir-Regolament 13(4) tar-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Leġislazzjoni Sussidjarja Kost. 03,[36] u s-subinċiżi wieħed (1) ta' l-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li d-dover tal-konvenut Onor. Prim' Ministru huwa biss sabiex japprova rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni u f'dan il-każ hekk għamel.

Ma' jistax għalhekk jingħad li f'dan il-każ il-konvenut Onor. Prim' Ministru abbuża s-setgħat tiegħu b'xi għanijiet mhux xierqa jew msejsa fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti.

Din il-Qorti ma' tistax għalhekk issib ksur ta' dan is-subinċiż (iii) tal-inċiż 1(b) tal-Artikolu 469A da parti tal-konvenut l-Onor. Prim Ministru.

**Is-subinċiż (iv) tal-inċiż (1)(b) tal-Artikolu 469A:**

Skond dan is-subinċiż, l-egħmil amministrattiv ikun *ultra vires* meta jkun imur mod ieħor kontra l-liġi.

[36] Avviż Legali 66 tal-2017, kif emendat.

Din l-allegazzjoni ta' l-attur mhix fondata għaliex hekk kif ġie konkluż minn din il-Qorti fil-paragrafi preċedenti, jirriżulta li l-konvenut għamel biss dak li kien dover tiegħu fil-parametri tal-liġijiet rilevanti. Rinfaċċata b'investigazzjoni tal-pulizija l-amministrazzjoni rappreżentata mis-Segretarju Permanenti ma setgħetx ma tagħmel xejn u dan anke fl-interess ta' l-attur stess billi huwa kien id-direttur li kien qed imexxi d-direttorat li kien qed jiġi investigat.

**It-tielet talba ta' l-attur:**

Rigward it-tielet talba ta' l-attur, ossia li jiġi rintegrat fl-istat li kien fih qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni *ivi* kontestata u allura, fil-grad, kundizzjonijiet, paga u xogħol li kien jeżerċita qabel. Din il-Qorti tibda sabiex tispeċifika li gjaladarba d-deċiżjoni meħudha mil-konvenut ma' nstabitx li ttieħdet bi ksur tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 u li konsegwentement għandha tiġi annullata, mela allura l-Qorti anqas tista tgħaddi sabiex tilqa' it-talba konsegwenzjali ta' l-attur sabiex jiġi rintegrat kif mitlub minnu.

Dan magħdud, il-Qorti tqis ukoll li r-rintegrazzjoni ta' l-attur kull kif qatt ma' tista' sseħħ u dan għas-segwenti realtajiet:

i. Il-kuntratt li l-attur kellu bħala direttur skada wara t-terminu ta' tlett snin previsti fl-istess kuntratt.
ii. L-attur ma' tħalliex imdendel tul iż-żmien rimanenti mil-kuntratt li kellu bħala direttur iżda reġa' ddaħħal fis-servizz fl-istess posizzjoni pero` fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni ta' Għawdex, u dan kif jixhed huwa stess. Din il-posizzjoni ngħatat lilu b'effett mid-19 ta' Jannar, 2018,[37] l-għada li ġiet formalment imneħħija s-sospensjoni fil-konfront tiegħu.
iii. Il-posizzjoni li kien iħaddan l-attur fil-Ministeru għal Għawdex ġiet abolita wara li skada l-istess kuntratt li kellu huwa tant li għal sejħa għat-tali posizzjoni qabel din ġiet abolita' l-attur kien fil-fatt applika u ġie anke intervistat u allura kkunsidrat. Ir-riżultat huwa sospiż, u dan fil-konfront ta' kull min applika. Dan jikkonfermah l-

[37] Ref. eccezzjoni preliminari nru. 1 a fol 10 u xhieda varja matul il-proceduri.

attur stess inkluż fix-xhieda tiegħu mogħtija nhar is-16 ta' Settembru, 2021.[38]

**Eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut:**

Rigward l-eċċezzjoni preliminari numru wieħed tal-konvenut, ossia; li l-mertu huwa eżawrit stante li s-sospensjoni mertu ta' din l-istanza ġiet fil-fatt imneħħija. Din il-Qorti tqis li l-fatt li sospensjoni tiġi mneħħija ma' jfissirx li wieħed ma' jkunx jista' jġib quddiem il-Qorti pretensjoni rigward il-manjieri kif din kienet ittieħdet. Infatti, il-kunsiderazzjonijiet kollha li jwasslu għal din id-deċiżjoni jduru proprjament ma' dak il-punt. Isibu iżda li tali deċiżjoni ma' kienitx ittieħdet bi ksur tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 li fuqu hija msejjsa din l-istanza.

Rigward l-eċċezzjoni preliminari numru 2 tal-konvenut; l-attur fl-ebda punt tat-talbiet tiegħu ma' indika pretensjoni kontra t-trasferiment tiegħu mill-Ministeru għal Għawdex għad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Il-pern ta' dawn il-proċeduri jdur mad-deċiżjoni meħuda permezz ta' l-ittra tas-27 ta' Lulju, 2017, mibgħuta lill-attur mis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għal Għawdex kif ikkonfermata mill-konvenut Onor. Prim Ministru fil-21 ta' Awwissu 2017 fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tat-3 ta' Awissu 2017, *sic et sempliciter*.

Rigward l-eċċezzjoni fil-mertu numru tmienja (8) tal-konvenut, il-Qorti taqbel li m'huwiex aċċetabbli li l-attur jgħid illi huwa sar jaf biss bid-deċiżjoni aħħarija tal-konvenut Onor. Prim' Ministru, u allura bl-involviment tal-konvenut fil-proċedura li wasslet għas-sospensjoni tiegħu tramite xhieda li nstemgħu fi' proċeduri Kostituzzjonali. Dan stante li kemm l-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll ir-Regolament 13(4) tar-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Leġislazzjoni Sussidjarja Kost. 03, isemmu speċifikatament l-funzjoni aħħarija tal-Onor. Prim' Ministru fir-rigward ta' azzjonijiet dixxiplinari. Għaldaqstant *ignoratia legis neminem excusat*

[38] Pagna 11 tat-traskrizzjoni.

għaliex il-liġi hija ċara u m'hijiex skuża illi l-attur jgħid li ma kienx a konoxxenza tal-istess liġi.

Dan ser jiġi rifless fil-kap tal-ispejjez.

**Deċide:**

Għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi u għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, din il-Qorti qiegħdha taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt illi tiċħad l-ewwel (1) u t-tieni (2) eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenut, tiddisponi mill-kumplament ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut konformement ma' dak hawn deċiż u tiċħad it-talbiet attriċi.

Bl-ispejjeż a karigu ta' l-attur salv għal dawk relattivi għall-eċċezzjonijiet preliminari numru wieħed (1) u tnejn (2) li jibqgħu a karigu tal-konvenut u dan stante dak hawn ikkunsidrat u deċiż.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana

Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur